

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Bullock u N. Bambara, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: PT Comunicações, SA (Lisbona, il-Portugall)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Novembru 2013 (Każ R 1092/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn PT Comunicações, SA u Vimeo LLC.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Vimeo LLC hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 135, 5.5.2014.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 2015 – Il-Kunsill vs Simpson

(Kawża T-130/14 P) <sup>(1)</sup>

**(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Avvanz fil-grad — Klassifikazzjoni fi grad — Deċiżjoni li l-persuna kkonċernata ma tingħatax il-grad AD 9 wara li għaddiet minn kompetizzjoni ġenerali ta' grad AD 9 — Żnaturament tal-provi”)**

(2015/C 414/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Appellant:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment M. Bauer u A. Bisch, sussegwentement M. Bauer u E. Rebasti, aġenti)

**Appellat:** Erik Simpson (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tat-12 ta' Diċembru 2013, Simpson vs Il-Kunsill (F-142/11, ĠabraSP, EU:F:2013:201), u intiż għall-annullament parzjali ta' din is-sentenza.

### Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tat-12 ta' Diċembru 2013, Simpson vs Il-Kunsill (F-142/11, ĠabraSP, EU:F:2013:201), hija annullata sa fejn it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku annulla d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ċaħad it-talba ta' Erik Simpson intiża sabiex jikseb avvanz għall-grad AD 9 minħabba li kien għadda mill-kompetizzjoni EPSO/AD/113/07 u sa fejn hija kkundannat lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha (punti 1 u 3 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza).

- 2) Il-kawża hija rrinvijata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 135, 5.5.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 23 ta' Ottubru 2015 – I Castellani vs UASI – Chomarat  
(Rappreżentazzjoni ta' ċirku)**

(Kawża T-137/14) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ revoka — Trade mark figurattiva li tirrappreżenta ċirku — Użu ġenwin tat-trade mark — Portata tal-użu — Artikolu 15(1)(a), u Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Forma li hija differenti minħabba elementi li ma jbidlux il-karattru distintiv — Drittijiet tad-difiża — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009*”]

(2015/C 414/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: I Castellani Srl (Meldola, l-Italja) (rappreżentanti: M. Caramelli, F. Boscarol de Roberto, I. Gatto u D. Martucci, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: M. Rajh u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Compagnie Chomarat (Pariġi, Franza)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Diċembru 2013 (Każ R 1001/2012-2), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Compagnie Chomarat u I Castellani Srl.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) I Castellani Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 135, 05.05.2014.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2015 – Hansen vs UASI**

(Kawża T-264/14) <sup>(1)</sup>

[“*Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali WIN365 — Raġuni assoluta għal rifju t — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”]

(2015/C 414/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Robert Hansen (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Pütz-Poulalion, avukat)